MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-20 ta' April, 2015

Numru. 1204/2011

**Il-Pulizija**

**[Spettur Spiridione Zammit]**

**vs**

**Benny (Benjamin) Bondin**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Benny (Benjamin) Bondin detentur tal-karta tal-identita` numru 561565(M).

Akkuzat talli:

> B'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u cioe` talli fiz-zminijiet qabel l-1 ta' Gunju 2002 mill-fond 'Honey Bunch Confectionery' fi Triq Hompesh Fgura ikkommetta serq ta' dawl elettriku fl-ammont ta' aktar minn 2329.37 Euros liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, valur, lok u hin ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

> U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel hsara fil-makkinarju jew fil-gummi tal-elettriku jew ikkaguna telf tal-kurrent elettriku u ghamel hsara jew kisser xi parti mill-metre tal-elettriku jew is-sigilli tieghu, jew xi parti minn xi apparat jew gummi wzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli tieghu.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tapplika wkoll l-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-fedina penalital-imputat.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali li bihom ra li tista tinstab htija fuq dawn l-Artikoli:

- Artikoli 17, 18 u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Artikoli 261, 263, 264, 267, 269, 270, 278 u 280 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Artikoli 326 (c) u (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
- Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat illi dawn il-proceduri gew instigati minn rapport ta' Senior Tradesman fi hdan il-Korporazzjoni Enemalta Mario Cassar illi ghall-habta tad-disgha neqsin kwart (8.45 a.m.) kien qed jaghmel spezzjoni tas-soltu gewwa Triq Hompesch il-Fgura f'"confectionary" jisimha Honey Bunch u hemmhekk kien sab il-"metre" kien imbaghbas. Dan il-"metre" kien tal-ghamla "Gunts" bin-numru ta' registrazzjoni 2529365 u r-"reading" fuq dan il-"metre" kien sebgha u sittin elf, disa'  mija u tnejn u ghoxrin (67922) "units".

**<u>PROVI</u>**

Irrizulta illi is-sigilli tac-comb li kienu fil-qiegh u fil-bazi tal-"metre" kienu neqsin, kif ukoll il-hgiega tal-imsemmi "metre" kienet giet mifquha u mcaqalqa. Fuqu kien hemm ukoll xi grif fit-truf fejn il-"metre" ikun jehel. Kien jidher illi dan kien imcaqlaq fuq in-naha tax-xellug billi kien inserit xi oggett li twaqqaf ir-registrazzjoni tal-"metre" tad-dawl ta' dan l-istabbiliment.

Irrizulta wkoll illi dan il-“confectionary” kienet tigi operata mill-imputat Benny Bondin minn Bormla.

Mix-xhieda bil-gurament ta’ **Mario Cassar** fit-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Ottubru elfejn u tnax (2012) hareg illi

> *“is-sigill l-isfar tas-service box kien miksur u mwahhal b’xi kolla, b’xi sustanza ta’ kolla u l-fuse kien ibbriggjat b’bicca wire li mhux suppost ikun hekk,. . . Il-cover kif ghidtlek kien loose u l-ghiega tal-metre kienet mifquha. Il-metre cover on bottom side cover was found with yellow seal li mhux suppost kien hekk”.*[1]

Xehed ukoll **Alan Chetcuti** li hu rapprezentant tal-Enemalta fir-Revenue Section fejn qal illi sabiex isiru jafu kemm kien hemm differenza bil-“metre” manomess u b’”metre” regolari ghamlu ezercizzju fejn tqabbel il-konsum tal-“metre” l-antik ma’ dak il-gdid, u cioe` irrizulta li kien hemm differenza evidenti billi kien hemm zieda akbar fil-konsum li kien qed jigi registrat fuq il-“metre” il-gdid. Saret stima ghall-ahhar hames mija u erbgha u tmenin (584) gurnata hajja tal-“metre” l-antik u qabbluha mal-ewwel sena tal-“metre” il-gdid u waslu ghall-ammont ta’ sebat elef, tliet mija sitta u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (EUR 7,326.29).[2]

[1] Vide xhieda a fol 28 tal-process.
[2] Vide Dok. AC1 a fol 36 tal-process.

Xehed ukoll **George Farrugia** li huwa s-sid tal-proprjeta` li jikri l-imputat bhala "confectionary" u jghid illi huwa kien xtara l-proprjeta` in kwistjoni fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn (2000) u eventwalment krieh lill-imputat fil-hdax (11) ta' Mejju tal-elfejn u wiehed (2001). Din il-kirja kienet ghal hamsa u ghoxrin (25) sena izda mbaghad wara xi sena u nofs avvcicinah l-imputat sabiex ikun jista' jwillih lill-terza persuna u dan fis-sena elfejn u tlieta (2003).[3]

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-imputat Benny Bondin jinsab akkuzat talli f'xi zminijiet qabel l-ewwel (1) ta' Gunju elfejn u tnejn (2002), fil-fond Honey Bunch Confectionary fi Triq Hompesch, Fgura ikkommetta serq ta' dawl elettriku ta' aktar minn elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin centrezmu u sebgha u tletin centezmu (EUR 2,329.37).

Illi mill-provi prodotti irrizulta kif dan il-"metre" kien instab manomess u l-ezercizzju li sar sabiex tul perjodu ta' zmien jinstab kemm kien jammonta l-ammont pretiz.

Irrizulta wkoll mix-xhieda ta' George Farrugia il-perjodu ta' meta ha l-imsemmi fond l-imputat u cioe` bejn il-perjodu tal-hdax (11) ta' Mejju elfejn u wiehed (2001) u s-sebgha (7) ta' Marzu elfejn u tlieta (2003).

[3] Vide fol 79 u 86 tal-process.

Illi certament allura jsegwi illi gialadarba l-perjodu jaqbel, kif ukoll il-persuna li kienet tmexxi dan il-fond gie stabbilit illi kien l-imputat f'dak il-perjodu, il-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova il-kaz taghha.

Finalment il-Qorti taghmel riferenza ghall-Artikolu 264 (2) tal-Kodici Kriminali illi jipprovdi kif gej:

> *"Fil-kaz ta' ksur ta' kanni ta' servizz pubbliku ta' l-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku jew tal-metres taghhom, jew ta' xi sigill ta' xi metre, jew fil-kaz ta' l-ezistenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan l-ilma, gass jew kurrent elettriku, jew li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar filmetre tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata, jitqies, sakmem ma jigix pruvat il-kuntrarju, bhala prova li d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-ksur jew il-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum tal-ilma, gass jew kurrent elettriku, skond ma jkun il-kaz".*

Illi rrizulta wkoll illi l-imputat ma ressaq l-ebda prova a favur tad-difiza tieghu u ghalhekk ma gie instigat l-ebda dubju fil-mohh ta' din il-Qorti a favur tat-tezi tal-prosekuzzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261(b),(c),(e),(f), 263, 264, 267,269, 270, 279(b) u 326(c)(f) u 533 tal-Kap. 9 tal-Lijiet ta' Malta, qed ssib lill-imputat **Benny Bondin** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu

28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundannah ghal tnejn u ghoxrin (22) xahar priguneria sospizi ghal tliet (3) snin.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonjijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------